**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 535/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech u**
**Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Denis Cremona**
**(ID 365475(M))**

**Illum, 27 ta' Gunju 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Denis Cremona ta' 37 sena, iben Paul u Carmen xebba Azzopardi, imwieled il-Pieta` nhar it-23 ta' Lulju 1975, prezentement detenut gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

Akkuzat talli fis-17 ta' April 2013, bhala prigunier fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, Paola:

Kellu fil-pussess tieghu d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx

fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN.292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qrati ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-ewwel imputazzjoni kif dedotta konta tieghu;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' din l-istess imputazzjoni.

Fir-rigward tal-addebitu tar-recidiva, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Denis Cremona', moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fil-15 ta' Mejju 2012. Jirrizulta minn din is-sentenza illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dak il-kaz, huwa identiku ghal dak tal-imputat fil-kaz odjern u ghaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi din is-sentenza nghatat proprju fil-konfront tieghu. Jirrizulta

wkoll mill-istess sentenza illi f'dak il-kaz, l-imputat gie kkundannat ghall-piena ta' multa ta' hames mitt ewro (€500), liema multa setghet tithallas mill-hati fi zmien tliet snin u ghalhekk sal-15 ta' Mejju 2015. Mill-atti ma jirrizultax jekk tali piena kinitx giet skontata ossia jekk tali multa kinitx giet imhallsa sad-data tal-kaz odjern u ghalhekk il-Qorti qed tqis lill-imputat bhala recidiv biss fit-termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tqis fl-ewwel lok, l-ammissjoni bikrija tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu. Tqis ukoll il-fedina penali aggornata tal-imputat, liema fedina penali hija wahda refrattarja u tinkludi kundanni dwar reati kontravvenzjonali, pussess ta' droga inkluz pussess aggravat f'zewg okkazzjonijiet, tentattiv ta' serq aggravat, serq semplici u aggravat, kif ukoll illi huwa gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija effettiva f'sitt okkazzjonijiet. Madankollu, l-ahhar reati serji jmorru lura ghas-sena 2013.

Tqis ukoll f'dan il-kaz mill-banda l-wahda, illi l-ammont ta' droga eroina in kwistjoni kien wiehed minimu, tant li kien jikkonsisti f'qartas wiehed, izda tqis ukoll mill-banda l-ohra, illi dan ir-reat gie kommess mill-imputat gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, waqt illi huwa kien detenut hemmhekk u ghalhekk huma applikabbli fil-konfront tieghu d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tqis ukoll ghal fini ta' piena, ix-xhieda tal-Ufficjal tal-*Probation* Anabelle Bugeja, li kienet qed issegwi lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* bejn l-14 ta' April 2014 u l-14 ta' April 2015. Jirrizulta illi f'dan il-perjodu, l-imputat kien qed jiskonta piena ta' prigunerija u kien dahal gewwa l-*Prison Inmates Programme* sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, izda gie mkecci u ghalhekk intbaghat lura l-habs. L-imputat hareg mill-habs wara li skonta l-piena, u ghalkemm issottometta testijiet tal-urina li rrizultaw fin-negattiv ghal sustanza illecita, biss ma kienx juri motivazzjoni sabiex jeghleb il-problemi tieghu. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2016, xehdet Jean Cali` in rapprezentanza tal-Agenzija Caritas, li spjegat illi l-imputat kien dahal fi programm residenzjali u kien wasal fl-istadji finali tal-istess programm, tant illi kien mistenni jiggradwa f'Gunju 2016. Tghid illi l-kampjuni tal-urina kienu qed jirrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti u l-imputat kellu impjieg stabbli. F'dan l-istadju ghalhekk jidher illi l-imputat ghamel progress f'hajtu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 33A u 49 tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' tliet (3) xhur prigunerija effettiva.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ammontanti ghas-somma ta' mija, sitta u hamsin ewro u sbatax-il centezmu (€156.17) u l-ispejjez konnessi mal-hatra tas-*Scene of the Crime Officer* PS 74 Mark Chetcuti, ammontanti ghas-somma ta' tlieta u ghoxrin ewro, tmienja u ghoxrin centezmu (€23.28). B'kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' mija, disgha u sebghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€179.45) u ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat